MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 78

3 ta' Lulju 2017

Minuti tas-seduta Nru. 78 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju 2017 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra is-Sur Clayton Bartolo minħabba li ta r-riżenja tiegħu fil-21 ta' Ġunju 2017 billi ġie elett bħala Deputat Parlamentari.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

### KONDOLJANZI

Fil-bidu tas-seduta, is-Sindku f'ismu u f'isem il-Kunsill ta l-kondoljanzi lis-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wara l-mewt ta' missieru Anthony li ġrat fit-22 ta' Ġunju 2017. Is-Sur C. Debono rringrazzja lil kull min attenda l-funeral u wera simpatija miegħu u mal-familja tiegħu.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 77 tat-12 ta' Ġunju 2017, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy"* (P/10/25)

2.1.2. Is-Segretarju aċċenna għall-minuta 21.1. tas-seduta ta' qabel u fakkar li t-tieni konferenza "*Small Markets at the Heart of the European Economy*" ser sseħħ f'Vecpielbalga fil-Latvja, bejn is-26 u l-31 ta' Lulju 2017. Huwa ġibed l-attenzjoni li f'dan l-istadju għandhom jinstabu sa massimu ta' tmien parteċipanti sabiex jikkontribwixxu għal din il-konferenza da parti tal-Mellieħa.

2.1.3. Is-Sindku qal li t-tema magħżula għal din it-tieni konferenza se tkun *"Impacts of Migration on neighbouring Markets in Small Communities within the European Union."*. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa ser jagħmel id-diskors ta' introduzzjoni, filwaqt li s-Sinjura D. Fenech ser tagħti preżentazzjoni dwar il-lokalità. Is-Sinjorina Amy Zammit ser tagħti preżentazzjoni oħra dwar l-imsemmija tema.

2.1.4. Huwa għarraf lill-Kunsill illi qed ikun ħafna diffiċli li jinstabu persuni, partikularment żgħażagħ biex jipparteċipaw f'dawn it-tip ta' attivitajiet barra minn Malta minħabba l-ispejjeż li tinvolvihom.

2.1.5. Wara aktar diskussjoni l-Kunsill kien tal-fehma li għandha tinbidel il-*policy* dwar l-ispejjeż tal-ivjaġġar involuti, fis-sens li 35% tal-ispiża totali għandu jkoprihom il-Kunsill, filwaqt li l-parteċipanti kollha jkopru f'ammonti ugwali il-65% rimanenti.

### 2.2.1. Pavimentar taz-zuntier f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa (P/4/3/Vol IV)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li *Test for Reasonableness Board* (TORB) mhux qed jaċċetta r-rampa eżistenti, minħabba l-*gradien*t tagħha huwa wieqaf u għalhekk qed jitolbu li ssir oħra man-naħa tal-Belveder tas-Sur bi *gradient* skont il-linji gwida ossija 1:16. Il-Bord qed jitlob ukoll li r-rampa eżistenti għandha titneħħa.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin (T/4/13/Vol XI)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li x-xogħol fuq Triq il-Qortin kien inbeda bil-bini ta' *retaining wall* minn mal-kantuniera ma' Triq Mario de Vasì 'l isfel, kif ukoll fuq il-bdil tal-*mains* tal-ilma.

2.3.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li l-wisgħa ta' Triq il-Qortin ser jinżamm 12.2 metri u għaldaqstant ser ikollha tinżabar siġra tal-ħarrub li hemm qrib il-kantuniera ma' Triq Mario de Vasì. Biex ikun jista' isir dan, intalab il-permess tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, li nħareġ fit-3 ta' Lulju 2017.

2.3.4. Is-Segretarju aċċenna għall-fatt li wara l-iffirmar tal-ftehim bejn Transport Malta u l-Kunsill, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ġibdu l-attenzjoni li l-ispiża dwar il-bdil tal-*mains* kienet ġiet riveduta f'Diċembru 2016 u fil-fatt telgħet minn €24,705.69 għal € €38,134.27. Billi din id-diskrepanza kienet notifikata lil Transport Malta, intalab li s-somma abbinata mal-ftehim għandha tiżdied sabiex tagħmel tajjeb għall-istess differenza, permezz ta' *side-letter*.

2.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 30/06/17;
- Skeda ta' Xiri permess tal-*Petty Cash* – 28/04/2017 – 10/05/2017;
- Skeda ta' Pagamenti – 09/06/17 – 30/06/17;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri – Sena Finanzjarja 2016;
- Abbozz ta' tweġiba għall-Ittra ta' Direzzjoni;

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Sewqan perikoluż fi Triq l-Armier (T/3/2/Vol XV)

4.1.2. Saret referenza għall-suġġeriment mis-Sinjura Anne Grima, permezz tas-sit elettroniku servizz.gov, fil-15 ta' Ġunju 2017 dwar l-introduzzjoni ta' *speed humps* fi Triq l-Armier.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li Triq l-Armier hija waħda distributorja li minnha anke jgħaddu l-karozzi tal-linja u *coaches*.

### 4.2.1. Kundizzjoni tal-pont fix-Xatt Ta' Santa Marija (H/1/1)

4.2.2. Is-Segretarju rrefera għall-ittra datata 16 ta' Mejju 2017 mibgħuta miċ-*Chief Officer* tar-*Roads and Infrastructure Directorate* fi ħdan Transport Malta, fejn aċċenna għall-ħsara strutturali li żviluppat fil-pont imsemmi, kif ukoll l-interventi li jeħtieġ jsiru mill-Kunsill sabiex ma tkomplix issir aktar ħsara.

4.2.3. Inġibdet l-attenzjoni għal-Artiklu 33 (1)(a) tal-Att XV illi jobbliga lill-Kunsilli Lokali li jżommu fi stat tajjeb kull triq, jew mogħdija li ma tkunx proprjetà privata. Iżda dan ma jinkludix rikostruzzjoni.

4.2.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-manutenzjoni ta' dan il-pont tmur lill'hinn mill-obbligi statutorji tiegħu.

### 4.3.1. Wirjiet tal-arti mtella' minn Art Club 2000 (S/6/Vol IV)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 21 ta' Ġunju 2016, mibgħuta mill-Art Club 2000 fejn intqal li l-għaqda ser torganizza tliet wirjiet tal-arti mtella' mill-membri tagħha. Dawn ser isiru fl-fis-sala tal-wirjiet fiċ-Ċittadella Victoria (05/08/17 – 27/7/17); fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex (08/07/17 – 30/07/17); u fis-sede tal-għaqda fil-Mellieħa (02/08/17 – 08/09/17).

4.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi sa massimu ta' €450, skont l-ispirtu tal-artiklu 33(o) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

### 4.4.1. Laqgħa mal-Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Kunsilli Lokali (M/4/2/Vol II)

4.4.2. Saret referenza għal ittra datata 22 ta' Ġunju 2017, fejn l-Onor. Robert Cutajar għarraf li huwa ġie maħtur mill-Kap tal-Oppożizzjoni sabiex ikun il-kelliem dwar il-Kunsilli Lokali. Bil-għan li jiffamiljarazzi ruħu mal-ħtiġijiet tal-Kunsilli Lokali huwa qed jitlob laqgħat mal-Kunsilli Lokali kollha għal dan il-għan, fosthom dak tal-Mellieħa;

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-Onor. Cutajar għandu jintalab jissuġġerixxi data.

### 4.5.1. Periklu fi Triq il-Mejjiesa (P/5/8/M)

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat 29 ta' Mejju 2017 mibgħut mis-Sur Mario Cardona fejn ġibed l-attenzjoni għal periklu li jeżisti fi Triq il-Mejjiesa qrib Sqaq Ħarruba, fejn il-livell tal-bankina u dak tat-triq jaqa' b'madwar pied u nofs. Intqal ukoll li diġa kien hemm xi nċidenti.

4.5.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li dan il-periklu nħoloq bil-mod stramb li nżamm il-livell tat-triq quddiem il-binja "Shiling Hill" permezz tal-permess tal-bini PA 0148/11 maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar.

4.5.4. Kien hemm qbil li fiċ-ċirkostanzi m'għandu jsir xejn min-naħa tal-Kunsill bil-għan li l-iżviluppatur innifsu jiġi mġiegħel mill-awtoritajiet kompetenti jirrimedja s-sitwazzjoni.

### 4.6.1. Ipparkjar fi Triq Anthony Sammut (T/3/2/Vol XIV)

4.6.2. Sar aċċenn għal imejl datat 19 ta' Ġunju 2017, mibgħut minn Transport Malta dwar talba li saret mis-Sur Auxilio Caruana, illi baqa' jsostni li minkejja illi saru linji sofor u tneħħiet waħda mill-*parking bays* fuq naħa waħda tal-garaxx f'Nru. T14, xorta waħda qed isibha diffiċli li jimmanuvra bix-xarabank tiegħu. Fl-ittra tagħhom Transport Malta qalu li l-inkonvenjent tas-Sur Caruana huwa reali u għalhekk għandha titneħħa t-tieni *parking bay*. Apparti dan huma aċċennaw ukoll li s-sewwieqa tal-vetturi użati għall-ġbir tal-iskart qed isibu problemi biex jgħaddu bejn vetturi pparkjat.

4.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li fir-rigward tal-vetturi tal-iskart, is-sitwazzjoni mhix differenti minn tat-toroq traversi fl-istess żona, filwaqt li lanqas ma jirriżulta li qatt inġibdet l-attenzjoni għal tali problemi. Kien hemm qbil li għandha titneħħa t-tieni *parking bay* minħabba li huwa evidenti li s-sitwazzjoni attwali qed ixxekkel l-użu tal-garaxx in kwistjoni.

**4.7.1. Festa tal-Manikata** **(F/2/1/Vol I)(S/6/Vol VI)**

4.7.2. Saret referenza għall-ittra datata 20 ta' Ġunju 2017, mibgħuta mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-Manikata, fejn il-Kunsill intalab jieħu sehem fl-organizzazzjoni tal-Festa ta' San Ġużepp li ser ssir fis-27 ta' Awwissu 2017.

4.7.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbiżx €300. Kien hemm qbil li dan l-involviment għandu jingħata viżibilità fl-allokazzjoni ta' spazju għal messaġġ mis-Sindku fil-programm tal-festa.

**5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 30 ta' Ġunju 2017.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn id-9 u t-30 ta' Ġunju 2017.

6.3. Tressqet wkoll Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn it-28 ta' April u l-10 ta' Mejju 2017.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fit-tliet skedi. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://lc.gov.mt/Page.aspx?catid=25&pid=227

**7.1. Riżenja ta' Viċi Sindku C. Bartolo u ħatra ta' persuna fl-istess kariga (K/1/6/Vol III)**

7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' ittra datata 21 ta' Ġunju 2017, l-ex-Viċi Sindku C. Bartolo ta r-riżenja tiegħu, peress li kien elett Deputat Parlamenti. Il-Kummissjoni Elettorali ġiet infurmata b'dan sabiex tkun tista' issir l-elezzjoni każwali bil-għan li jimtela' is-siġġu battal ta' Kunsillier. Sussegwentement, il-Kummissjoni ħarġet l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex isiru n-nomini qabel tgħaddi għall-elezzjoni każwali.

7.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni għall-Artiklu 25(2)(b) tal-Att dwar Kunsilli Lokali li jipprovdi illi fil-każ li l-post ta' Viċi Sindku jiġi vakat, għandu jiġi maħtur bħala Viċi Sindku dak il-Kunsillier tal-partit li jkollu l-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri fil-Kunsill Lokali li jkun ġab l-akbar ammot ta' voti (l-ewwel preferenza) wara dak il-Kunsillier li jkun qed jokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku.

7.4. Billi jirriżuta li l-Kunsillier D. Vella jissodisfa l-artiklu 25(2)(b), huwa ġiet mistoqsi jekk iridx jokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sur Vella wieġeb fl-affirmattiv u ffirma dikjarazzjoni kif ukoll kien lest li jieħu l-ġurament, għall-istess effett.

7.5. Is-Sindku J. Buttigieg ikkummenta li l-kontribut tas-Sur Clayton Bartolo kien utli ħafna, tant li l-Kunsill ipparteċipa f'diversi proġetti ffinanzjat permezz ta' programmi tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet popolari, fost oħrajn. Huwa awgura li l-Sur C. Bartolo jkollu suċċess bħala Deputat Parlamentari. Il-Kunsillier E. Bartolo ngħaqad mas-Sindku fl-awguri tiegħu.

**8.1. Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ** **(A/5/3/1/Vol XIV)**

8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li l-andament ta' din l-attività kien wieħed sodisfaċenti u mar kif kien ippjanat.

8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**9.1. Tħejjijiet għall-Jum il-Kunsill 2017** **(A/5/3/1/Vol XVI)**

9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li din l-attività qed tiġi kordinata minnha flimkien mal-Viċi Sindku D. Vella. Kompliet tgħid li fis-serata tal-25 ta' Lulju 2017, apparti l-preżentazzjoni tal-onorefiċenzi, hemm it-tnedija tal-Innu tal-Mellieħa. Ir-rebbieħa tal-konkors, is-Sinjuri Hertian Gauci u Antoine Barbara ser iniedu l-innu permezz ta' *ensemble* magħmul minn tmien sa għaxar mużiċisti u mill-kantanta Corazon Mizzi. Fl-istess okkażjoni jiġi ppreżentat il-premju ta' €1,500 lir-rebbieħa ta' konkors. Apparti dan, ġie propost li r-rebbieħa jingħataw tifkira li fuqha jiġi minqux is-sinifikat tagħha, kif ukoll id-data meta l-innu ndaqq għall-ewwel darba.

9.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saru kuntatti mas-Sur Anton Falzon sabiex jippreżenta s-serata, kif ukoll biex jinġiebu servizz bħalma huma l-audio, dwal, kiri ta' siġġijiet u tingħata bibità fi tmiem is-serata. Ġie propost li jingħata rigal lill-Onor. Owen Bonnici – Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali – li taħt il-patroċinju tiegħu ser issir is-serata, illi l-valur tiegħu ma jaqbiżx €300.

9.4. Il-Kunsill approva l-arranġamenti proposti.

**10.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2017** **(A/5/3/5/Vol V)**

10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li l-attivitajiet imsemmija ser jittellgħa fil-21, 22 u 23 ta' Lulju. Hija pproponiet li l-kontenut tat-tliet serati jkun kif ġej:

***Il-Ġimgħa 21 ta' Lulju mit-8.00 pm 'il quddiem***

- Kunċert imtella' mid-DJ's Lio, J Joy u Ziggy f'Misraħ il-Parroċċa

***Is-Sibt 22 ta' Lulju***

- It-toroq ewlenin jingħalqu għat-traffiku sabiex ikunu jistgħu jittellgħu diversi wirjiet, kif ukoll spettakli mużikali;

- Fi Triq Ġorġ Borg Olivier ikun hemm mużika folkloristika Maltija, bis-sehem tal-gruppi The Greenfields, Aurora Folk Group u diversi għannejja. Ikun hemm spettaklu ta' mużika rock minn Kylie Coleiro u Klinsmann and the Planet Seed Bank. Fl-istess triq ikun wirja ta' vetturi kollettibbli. L-istabbilimenti li jservu l-ikel fi Triq G. Borg Olivier u fuq il-pont ta' Triq Adenau jingħataw l-opportunità sabiex iservu l-klijenti tagħhom barra;

- Fil-Bitħa tas-Santwarju jittellgħa programm ta' mużika Jazz, wirja ta' artiġġjanat u artisti lokali li jkunu qed juru x-xogħlijiet tagħhom;

- F'Misraħ il-Parroċċa jkun hemm *barbecue* organizzat mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina bi spettaklu mtella' minn Artemocion Dance Studio, Cash and Band, u minn Joe Demicoli;

***Il-Ħadd 23 ta' Lulju***

- F'Misraħ il-Parroċċa ser ikun hemm spettaklu live minn Artemocion Dance Studio, Spiteri Lucas Band, bis-sehem tal-kantanti Chiara, Debbie Scerri, J. Anvil u Neville Refalo;

10.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kompliet tispjega li kemm is-Sibt, kif ukoll il-Ħadd jittellgħu diversi attivitajiet għat-tfal, filwaqt li l-postijiet ta' interess jkunu miftuħin sa tard filgħaxija.

10.4. Kif sar f'edizzjonijiet preċedenti, għandu jiġi pprovdut servizz ta' *park-and-ride* minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi s-Sibt 22 ta' Lulju mill-5.00 pm 'il quddiem.

10.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf li Iljieli Mellieħin 2017 qed jiġi appoġġjat minn numru ta' *sponsors*, fosthom is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, u l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, fost oħrajn.

10.6. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa, sakemm dawn jitwettqu fil-parametri tal-baġit approvat għal dan l-avveniment.

**11.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillieri J. Attard illi tgħid:**

***"Billi l-kuntratt li jipprovdi għall-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku skada t-terminu tiegħu u għalhekk saret sejħa għall-offerti (5/2017) skont l-Artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), ir-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 255 ta' l-2009, u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);***

***Billi saret rakkomandazzjoni mill-Evaluation Board sabiex l-offerent B. Grima & Sons jingħata l-kuntratt in kwistjoni skont rapport tal-15 ta' Ġunju 2017; u***

***Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2017 hemm ivvutati somom ta' flus intiżi għall-manutenzjoni u introduzzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt ta' erba' snin b'effett mill-1 ta' Awwissu 2017 mal-offerent B. Grima & Sons Ltd, li offra s-servizzi tiegħu bir-rati ndikati fid-dokument ta' l-offerta.".*** **(K/6/4/Vol III)**

11.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-Kunsillieri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

**12.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier A. Brincat Stellini illi tgħid:**

***"Billi saret sejħa għall-offerti (6/2017) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) li tinvolvi l-Provista, Konsenja, Installazzjoni, Ittestjar ta' Dwal Dekorattivi għal Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa u fil-Manikata;***

***Billi t-tliet offerti li saru ġew evalwati f'dak li huwa dokumentazzjoni sottomessa, kompatibiltà mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba, u prezz ikkwotat skont rapport tal-Evaluation Board tal-15 ta' Ġunju 2017;***

***Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2017, taħt il-voti Nru. 7220 u 7507;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għas-servizz imsemmi għandu jigi ffirmat mal-offerent Mica Med Ltd, billi ssottomettew l-irħas offerta kompatibbli mal-kundizzjonijiet u l-ispeċikazzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.".***
**(P/4/3/Vol IV)**

12.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-Kunsillieri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier H. Fenech.

**13.1. Sejħa għall-Offerti MLC 2/2017 – Servizz ta' Tindif ta' Toroq Urbani** **(T/4/5/Vol IV)**

13.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li, kif kien maqbul fis-seduta preċedenti, sar rapport minn l-*accountant* li ħa in konsiderazzjoni r-rata tal-ħlas tal-impjegati ddikjarati minn kull offerent, bil-għan li jiġi stabbilit jekk din hijiex riflessa fl-ispiża annwali kkwotata. Skont l-istess rapport irriżulta li:

- L-offerti ta' Owen Borg, Premier Business Ltd, u Antione Fenech lanqas ikopru l-ħlas tal-pagi, peress li dawn waħedhom jammontaw għal €32,547.84 meta jitqies li ser jitħaddmu żewġ persuni, tmien siegħat kuljum, sitt ijiem mit-Tnejn sas-Sibt, għal 52 ġimgħa, bir-rata ta' €6.52 fis-siegħa mingħajr il-VAT skont dik stabbilita permezz

ta' ċirkolari maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti fis-6 ta' Jannar 2017, liema rata kienet għadha fis-seħħ sad-data tal-għeluq tas-sejħa;

- Jekk wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-5% tal-*Contract Management Fee,* l-ispejjeż mill-inqas jammontaw €34,260.88, u hekk anke l-offerti ta' Alexander Fenech u ta' Waste Collections Ltd jaqgħu l-isfel mit-*threshold*. Saviour Micallef naqas li jgħaddi r-rati tal-ħlas tal-impjegati.

13.3. Il-Kunsill qabel li għandu jitkompla l-proċess mill-Bord tal-Evalwazzjoni permezz tal-ePPS, abbażi tal-kalkola mressqa mill-*accountant*.

### 14.1. Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) mill-Udituri u abbozz ta' tweġiba tal-Kunsill għaliha

14.2. Is-Segretarju rrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni (*Managment Letter*) mibgħuta mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2016, kif ukoll għall-abbozz tat-tweġiba mħejjija minnu, liema dokumenti ntbagħtu lil kull kunsillier qabel is-seduta.

14.3. Is-Sur C. Debono qal li l-iktar punti notevoli, illi m'humiex ta' natura teknika fl-ittra ta' direzzjoni, kienu jirrigwardaw il-punti li ġejjin:

(a) Paragrafu 4.1 - Nefqa fuq l-attivitajiet marbuta ma' Jum il-Kunsill mhux skont il-linji gwida stabbiliti fil-Memos 122/2010, kif emendata 8/2011;

(b) Paragrafu 4.2 - L-iskadenza tal-kuntratt dwar il-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq;

(c) Paragrafu 4.3. – Donazzjonijiet lil organizazzjonijiet mhux governattivi;

(d) Paragrafu 4.4 – Infieq fuq attivitajiet soċjo-kulturali; u

(e) Paragrafu 5.2 – Assikurazzjoni tal-assi.

14.4. Is-Sur C. Debono rrefera għal-Paragrafu 4.1 u tenna li l-memos 122/2010 u 8/2011 qed jiġu nterpretati persistentement b'mod skorrett fir-rigward ta' Jum il-Kunsill, fis-sens li dawn ma jirrigwardawx spejjeż li jsiru fuq attivitajiet soċjali. Fl-edizzjoni ta' Jum il-Kunsill 2016 l-ispiża minfuqa fuq ikel u xorb kienet 13.3% tal-ispiża totali minfuq dan l-avveniment.

14.5. Rigward il-Paragrafu 4.2, ġie spjegat li fis-29 ta' Novemru 2016 il-Kumitat Reġjonali Tramuntana kien ippubblika sejħa għall-offerti (RT/03/2016) liema sejħa kienet għadha qed tiġi aġġudikata. Apparti dan, inġibdet l-attenzjoni li l-obbligu illi jiġi pprovdut servizz dwar il-manutenzjoni u l-installazzjoni ta' dwal fit-toroq huwa vestit lill-Kumitat Reġjonali skont kif provdut fl-Artiklu 19 tal-Avviż legli 320/2011 (S.L. 363.160).

14.6. Is-Sur C. Debono rrefera għal-Paragrafu 4.3 u qal li l-attivitajiet fejn kien hemm għaqdiet volontarji nvoluti, fil-fatt dawn ġew organizzati bi sħab bejn l-istess Kunsill u l-kumitat responsabbli mill-attività, fl-ispirtu tal-Artiklu 33(o) tal-Att dwar Kunsilli Lokali. Anqas minn hekk, l-appoġġ għal tali inizjattivi jkun ingħata bid-diskors biss.

14.7. Is-Segretarju aċċenna għall-Paragrafu 4.4 u kkummenta li fl-opinjoni tiegħu dawn ma' kellhomx jiġu nklużi fl-ittra ta' direzzjoni ndirizzata lill-Kunsill, iżda lill-Kumitat Reġjonali tat-Tramuntana. Is-Sur C. Debono tenna li l-Artiklu 19 tal-Avviż Legali 320/2011 jagħmilha ċara li l-għoti ta' kuntratt dwar il-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq hija waħda mill-funzjonijiet tal-Kumitat Regjonali, filwaqt li ma tidhirx taħt l-Artiklu 33 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, fejn hemm elenkati l-funzjonijiet kollha konferiti lill-Kunsilli Lokali.

14.8. Ġie spjegat li matul is-snin iżamm bilanċ bejn attivitajiet kulturali u titjib fl-insfrattura tal-toroq, tant li bejn l-1999 u l-2016 mill-allokazzjoni annwali, il-Kunsill irnexxielu jimplementa programm ta' *resurfacing* ta' toroq li kien jinvolvi it-toroq urbani kollha fil-Mellieħa u l-Manikata. Fl-2014 il-Kunsill wettaq l-asfaltar mill-ġdid ta' Triq Ramlet il-Qortin li swiet €280,000, flimkien ma Triq l-Armier fl-2010 permezz ta' *private public*

*partnership* b' nefqa totali li laħqet €750,000 sal-2020. Flimkien ma' dawn intefqu €107,000 fuq il-manutenzjoni tat-toroq matul l-2016. Ġie osservat ukoll li matul is-snin il-Gvern Ċentrali ntroduċa diversi skemi ntiżi biex jinkoraġġixxi l-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali. Permezz ta' dawn l-iskemi, il-Kunsill ibbenefika €74,300 bejn l-2010 u l-2016.

14.9. Dwar il-Paragrafu 5.2 li jinvoli l-assikurazzjoni tal-assi, is-Segretarju tenna li minn dejjem kienet il-prassi li l-valur tat-toroq li ġew *resurfaced* jitħalla barra mill-poloż tal-assikurazzjoni, peress li r-riskju li dawn jiġu vandalizzati, misruqa eċċ ma jeżistix, filwaqt li kemm-il darba jġarrbu xi ħsara, eż: kawża tal-elementi, ħsara maġġuri trid tagħmel tajjeb għaliha Transport Malta. Huwa qal ukoll li l-inklużjoni tal-valur imsemmi jinvolvi ħlas ta' *premium* ferm aktar għoli, mingħajr ħtieġa.

14.10. Wara diskussjoni fuq il-punti mressqa, il-Kunsill approva t-tweġiba għall-ittra ta' direzzjoni, skont l-abbozz imressaq.

## 15.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2017 (F/1/1/Vol II)

15.2. Is-Segretarju aċċenna għar-rapport li ġie ppreżentat abbażi taċ-ċifri dovuti (*accruals)*, liema rapport tqassam qabel is-seduta. Huwa spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Marzu 2017 kien jammonta għal €330,810, filwaqt li min-naħa l-oħra kien hemm nefqa ta' €249,647, u hekk irriżulta bilanċ pożittiv ta' €93,722 għall-perjodu Jannar / Marzu 2017.

15.3. L-Assi Kurrenti (*Current Asset*) kienu jammontaw għall-€777,055, li €718,377 minnhom kienu flus fil-kontijiet barkarji. Min-naħa l-oħra l-Obbligazzjonijiet Kurrenti (*Current Liabilities*) kienu fil-livell ta' €341,524, li jikkonsistu f'ammonti li l-Kunsill għandu jagħti kif jidhru fuq il-kotba, stima (*accruals*) fuq servizzi, jew materjal mixtrija li kien għadhom ma daħlux fil-kotba, u dħul li l-Kunsill għadu ma rċeviex (*Deferred Income*).

15.4. Ġie spjegat li meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija fil-minuti 15.2 u 15.3 aktar 'il fuq, jirriżulta Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja ta' 34%.

15.5. F'dak li jirrigwarda l-Impjant u Tagħmir (*Plant and Equipment*), fil-perjodu koperti bir-rapport, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €141,621 f'Assi Permanenti (*Fixed Assets*) li l-valur oriġinali biex dawn ġew akkwisti kien ta' €10,906,228, iżda meta nħadem id-diprezzament fuqhom sa tmiem il-perjodu kopert bir-rapport, il-Valur Nett fil-Kotba (*Net Book Value*) kien ta' €5,303,860.

15.6. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għan-nota 15 fir-rapport imressaq u staqsa minn xhiex hija magħmula ċ-ċifra €1,665,692, indikata bħala *Deferred Income*. Is-Segretarju wieġeb li din il-figura hija magħmula minn għotjiet li l-Kunsill irċieva biex iwettaq proġetti kapitali u li għad iridu jiġu rilaxxjati fil-*Profit and Loss*. Dawn huma komposti minn:

(a) Fondi ġejjin mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

(b) *Long term grants*; u

(c) Fondi Speċjali – *Deferred Grants*.

15.7. Il-Kunsill approva r-rapport u talab li jiġi ppubblikat permezz tas-sit elettroniku tal-Kunsill http://www.lc.gov.mt/

## 16.1. Parteċipazzjoni fil-proġett *eMovie-Lab* (P/10/1/Vol IV)

16.2. Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-proġett imsemmi ser jitwettaq f'Casalborgone l-Italja bejn l-10 u 18 ta' Settembru 2017, fejn huwa mitlub li jkun hemm delegazzjoni magħmula minn disa' żgħażagħ fl-etajiet bejn 14 u 18-il sena, flimkien ma' persuna adulta biex takkumpanjahom. F'dan l-istadju, is-Segretarju talab li dawn il-persuni jiġu ndikati.

16.3. Il-Kunsill ħa nota bil-għan li jkunu jistgħu jiġu identifikati persuna orjentati mas-suġġett.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-9.40 pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 19 ta' Lulju 2017 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Joħn Buttigieg | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |